



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 10 ta' Ġunju 2011 (15.06)  
(OR. en)**

**11077/11**

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2010/0380 (COD)**

---

**SOC 459  
CODEC 970**

## **RAPPORT TA' PROGRESS**

---

|                 |                                                                                                                                                                                                                                                                                                              |
|-----------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:           | Presidenza                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
| lil:            | Kunsill (EPSCO)                                                                                                                                                                                                                                                                                              |
| Nru prop. Cion: | 5063/11 SOC 7 CODEC 8                                                                                                                                                                                                                                                                                        |
| Suġġett:        | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004<br>- Rapport ta' Progress |

---

## **I. INTRODUZZJONI**

1. Fl-20 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq li hija maħsuba biex taġġorna r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 biex jirriflettu l-bidliet fil-leġislazzjoni nazzjonali dwar is-sigurtà soċjali tal-Istati Membri u biex iżżomm kont tal-iżviluppi fir-realtà soċjali li jaffettwaw il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali. Hi tinkludi wkoll proposti mill-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni ta' Sistemi ta' Sigurtà Soċjali li għandhom l-għan li jtejbu u jimmodernizzaw l-acquis tas-sigurtà soċjali skont l-Artikolu 72 (f) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

2. Il-proposta hi bbażata fuq l-Artikolu 48 tat-TFUE (maġġoranza kwalifikata u proċedura leġislattiva ordinarja).
3. Il-Parlament Ewropew għadu ma tax l-opinjoni tiegħu.
4. L-Att propost għandu rilevanza għaż-Żona Ekonomika Ewropea u għall-Isvizzera u għalhekk għandu jiġi estiż għaż-Żona Ekonomika Ewropea u l-Isvizzera.
5. Fuq l-inizjattiva tal-Presidenza Ungeriża, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali impenja ruħu li jibda jeżamina l-proposta f'Jannar 2011. Soġġett għal għadd ta' riżervi pendenti, fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Ġunju 2011, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali wasal fi qbil wiesa' dwar it-test tal-abbozz ta' Regolament.
6. Il-Grupp ta' Ħidma aċċetta xi aġġustamenti fl-Annessi sabiex jirriflettu l-bidliet tal-leġislazzjonijiet nazzjonali u ddiskuta u qabel ukoll dwar xi modifiki u kjarifiki tekniċi li rriżultaw kienu meħtieġa wara l-adozzjoni tar-Regolamenti. Fost xi teknikalitajiet żgħar, l-aktar rilevanti huwa l-Artikolu 13(1) tar-Regolament 883/2004/KE, li kellu jiġi mmodifikat sabiex l-eżami tal-attività sostanzjali fl-Istat Membru ta' residenza jiġi estiż għal dawk li jkun qed isegwu attività f'żewġ Stati Membri jew aktar għal diversi impriżi jew persuni li jħaddmu. Din l-emenda nqablet mill-Grupp ta' Ħidma sabiex tiegħu sura fi struttura ġdida li tiftiehem aktar ta' dan l-artikolu. Titjib importanti ieħor huwa r-regoli modifikati maqbula tal-Artikolu 14(5) u 14(5b) ġdid rigward l-attività marġinali fejn it-tħassir tad-distinzjoni bejn attivitajiet "simultanji" u "li jalternaw" u xi kjarifika jista' jgħin biex jiġi evitat użu ħażin possibbli tad-dispożizzjonijiet dwar il-leġislazzjoni applikabbli.
7. Fil-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Ġunju, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti eżamina l-kwistjonijiet pendenti abbażi tar-rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali (dok. 10641/11). L-eżitu ta' dawn id-diskussjonijiet huwa rrapportat fis-Sezzjoni II ta' hawn taħt.

8. FR, DK, MT, SI u UK iżommu riżervi ta' skrutinju parlamentari u DK riżerva ta' skrutinju ġenerali.
9. Filwaqt li tirriżerva l-pożizzjoni tagħha f'dan l-istadju, sakemm issir disponibbli l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni ħadet pożizzjoni favorevoli dwar it-test tal-abbozz ta' Regolament kif propost mill-Presidenza, fl-intier tiegħu.
10. Id-delegazzjonijiet kollha jżommu wkoll riżervi ta' skrutinju lingwistiku sakemm it-test ikun disponibbli fil-verżjonijiet lingwistiċi tagħhom.

## II. KWISTJONIJIET PENDENTI

11. **Dispożizzjonijiet speċjali għall-persuni li jaħdmu għal rashom u li huma qiegħda għal kollox (l-Artikolu 1(8) tal-proposta biex jiġi emendat l-Artikolu 65(5) tar-Regolament 883/2004):**

a) L-Objettiv tal-proposta tal-Kummissjoni:

Skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, persuni li huma qiegħda għal kollox għandhom jirċievu benefiċċji għall-qgħad mill-Istat Membru ta' residenza soġġett għal-leġislazzjoni ta' dak l-Istat Membru jekk kienu joqogħdu u għandhom joqogħdu jew irritornaw fl-Istat Membru ta' residenza.

Skont dawn id-dispożizzjonijiet, persuni li jaħdmu għal rashom li kienu assigurati kontra l-qgħad fi Stat Membru li għandu assigurazzjoni tal-qgħad għall-persuni li jaħdmu għal rashom, filwaqt li joqogħdu fi Stat Membru li m'għandux assigurazzjoni tal-qgħad għall-persuni li jaħdmu għal rashom, ma jirċevux benefiċċji għall-qgħad fl-eventwalità li jispiċċaw qiegħda għal kollox. In-nuqqas ta' provvediment ta' aċċess għall-benefiċċji jkun ifisser restrizzjoni għad-dritt ta' moviment ħieles kuntrarju għall-prinċipji bażiċi tal-liġi tas-sigurtà soċjali u ma jkunx jikkorrispondi mal-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

F'dan il-qafas, l-emenda proposta għall-Artikolu 65 tar-Regolament 883/2004 tipprovdi li f'każi fejn l-Istat Membru ta' residenza ma jkollux assigurazzjoni tal-qgħad għall-persuni li jaħdmu għal rashom, l-Istat Membru fejn kellhom l-aħħar attività għandu jħallas il-benefiċċji għall-qgħad lill-persuni qiegħda, filwaqt li primarjament huma għandhom ikunu reġistrati u disponibbli fl-Istat Membru ta' residenza.

Ir-raġunar wara l-emenda proposta hija minħabba li persuni li jaħdmu għal rashom u li huma qiegħda għandhom l-aqwa prospett li jintegraw mill-ġdid fis-suq tax-xogħol tal-Istat Membru ta' residenza tagħhom, minħabba r-rabtiet mill-qrib li għandhom hemm, id-dritt tagħhom għall-benefiċċji soċjali m'għandux jiġi ristrett, speċjalment fejn dawk il-benefiċċji jirrappreżentaw il-kontroparti ta' kontribuzzjonijiet li huma jkunu ħallsu.

b) Il-proposta tal-Presidenza

Fid-dawl tal-eżitu tad-diskussjonijiet, il-Presidenza ppreżentat proposta ta' kompromess ġenerali li tistipula li għandhom jiddaħħlu Artikolu 65a ġdid u premissa akkumpanjatorja Nru 6 fir-Regolament 883/2004, flimkien ma' xi tibdiliet tekniċi meħtieġa fl-Artikoli relatati, sabiex jipprovdu li persuni li jaħdmu għal rashom li kienu joqogħdu fi Stat Membru lil hinn mill-Istat kompetenti u li għadhom joqogħdu f'dak l-Istat Membru, jew jirritornaw f'dak l-Istat Membru, għandhom jirċievu l-benefiċċji jekk kienu assigurati kontra r-riskju tal-qgħad fl-Istat kompetenti u jekk ma teżisti l-ebda assigurazzjoni kontra dan ir-riskju għall-persuni li jaħdmu għal rashom fl-Istat Membru ta' residenza.

Skont il-proposta, il-benefiċċji tal-qgħad jingħataw lil dan il-grupp ta' persuni mil-leġislazzjoni tal-Istat Membru li kienet l-aħħar soġġetta għaliha l-persuna rispettiva. Dawn il-persuni jkollhom jirreġistraw u jagħmlu lilhom infushom disponibbli mas-servizzi tal-impjieg ta' dak l-Istat Membru, u jaderixxu mal-kondizzjonijiet stabbiliti skont il-leġislazzjoni tiegħu b'possibbiltà ta' reġistrazzjoni supplementari fl-Istat Membru ta' residenza. Jekk il-persuna ma tixtieqx issir, jew tibqa', disponibbli għas-servizzi tal-impjieg ta' dak l-Istat Membru u tixtieq tfittex xogħol fl-Istat Membru ta' residenza, hi tista' tiegħu l-benefiċċju għal perijodu ta' tliet xhur bil-possibbiltà ta' estensjoni għall-perijodu sħiħ ta' eliġibbiltà mill-awtorità kompetenti.

Il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet jistgħu jappoġġaw il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza sabiex tinstab soluzzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' grupp żgħir ta' persuni li jħallu l-kontribuzzjonijiet iżda ma jirċevux benefiċċji.

Il-maġġoranza ta' daww l-Istati Membri li m'għandhomx tali sistema ta' assigurazzjoni u metodi ta' kalkolu jopponu bil-qawwa kwalunkwe soluzzjoni li tkun teħtiġilhom jipprovdu u jikkalkolaw il-benefiċċji, minħabba li tali soluzzjoni tmur lil hinn mill-koordinazzjoni.

DE, DK, FI, LU, SE u SK iżommu riżervi ta' sostanza dwar il-proposta ta' kompromess ġenerali tal-Presidenza. Dawn id-delegazzjonijiet jisħqu li r-regoli ta' koordinament tar-Regolament ser jntużaw biex jikkumpensaw in-nuqqas ta' leġislazzjoni nazzjonali dwar l-iskemi għall-assigurazzjoni tal-qgħad għall-persuni li jaħdmu għal rashom, li mhux il-fini tar-Regolament. Huma jikkunsidraw ukoll li l-proposta tpoġġi aktar piż fuq l-Istati Membri li għandhom assigurazzjoni għal daww li jaħdmu għal rashom.

Dawn id-delegazzjonijiet flimkien ma' NL, SI u UK, huma tal-fehma li l-emenda proposta tikkostitwixxu bidla pjuttost sostantiva, b'hekk teħtieġ valutazzjoni kawtiela.

Matul il-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, fid-9 ta' Ġunju, FR, MT u SI esprimew simpatija għall-pożizzjoni tad-delegazzjoni Daniża.

12. **L-użu tal-kriterju "bażi residenzjali" għad-determinazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli għall-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru (l-Artikolu 2(3) tal-proposta sabiex jiżdied paragrafu ġdid 5a fl-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 987/2009)**

a) L-oġettiv tal-proposta tal-Kummissjoni:

L-għan tal-emenda proposta hu li tikkjarifika l-kunċett ta' "uffiċċju rreġistrat jew il-post tan-negozju" bħala l-"bażi residenzjali" għall-persunal tal-ivvjaġġar bil-kunċett ta' "bażi residenzjali" definit fir-Regolament (KEE) Nru 3922/91 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili. Il-bażi residenzjali hu l-post minn fejn l-ekwipaġġ tal-ajru abitwalment iwettaq il-ħidma tiegħu fit-twettiq tal-kuntratt tiegħu. Fil-fehma tal-Kummissjoni, din hija marbuta aktar mill-qrib mal-post attwali tax-xogħol tal-persuna kkonċernata u tikkostitwixxi element aktar adatt għad-determinazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli milli l-uffiċċju rreġistrat jew il-post tan-negozju tal-impjegat jew tal-impriża.

b) Il-proposta tal-Presidenza dwar il-"bażi residenzjali"

Fid-dawl tal-eżitu tad-diskussjonijiet, id-delegazzjonijiet raw il-ħtieġa li jmorru lil hinn mill-proposta tal-Kummissjoni u jużaw il-kunċett ta' bażi residenzjali bħala r-regola bażika għad-determinazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli għall-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru li jwettqu servizzi għall-passiġġieri u l-merkanzija tal-ajru.

Il-Presidenza, b'kont meħud ta' talba mill-Istati Membri, ippreżentat proposta abbażi ta' proposta mid-delegazzjoni Franċiża, li l-approċċ tagħha kien appoġġat mid-delegazzjonijiet.

Il-proposta tal-Presidenza żżid Artikolu 11(5) ġdid li jipprovdi bħala regola prinċipali li l-attività bħala membru tal-ekwipaġġ tal-ajru għandha titqies bħala attività fl-Istat Membru fejn tinsab il-bażi residenzjali kif definita fl-Anness III għar-Regolament (KEE) Nru 3922/91. F'każijiet eċċezzjonali fejn ikun hemm tnejn jew aktar bażijiet residenzjali, ir-regoli tal-Artikolu 13 jistgħu japplikaw mutatis mutandis flimkien ma' kjarifika permezz ta' Artikolu 14(5a) ġdid fir-Regolament 987/2009, li tipprovdi li għall-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1) fil-każ ta' membri tal-ekwipaġġ tal-ajru "uffiċċju rreġistrat jew il-post tan-negożju" għandu jiġi meqjus li hu l-bażi residenzjali. Għandha tiġi inkluża wkoll bħala premessa ġdida il-premessa 18b fir-Regolament 883/2004, biex tiġġustifika l-hteġa għal din l-emenda.

Żewġ delegazzjonijiet (DK u IE) iżommu riżervi ta' sostanza dwar it-test propost mill-Presidenza u jikkunsidraw li l-emendi proposti jkunu jeħtieġu valutazzjoni tal-impatt. DK hi tal-fehma li dawn huma emendi sostanzjali li ser ikollhom impatt fuq numru kbir ta' persuni u b'hekk jinvolvu spejjeż kbar. IE tikkunsidrahom ukoll bħala bidla sostanzjali minħabba li, fl-opinjoni tagħha, l-użu tal-kriterju "bażi residenzjali" sabiex tkun determinata l-leġislazzjoni applikabbli ser iwassal għal tibdiliet frekwenti tal-leġislazzjoni applikabbli minħabba li l-ħaddiema tal-linji tal-ajru huma mobbli ħafna, li jirriżulta f'rekords frammentati ħafna tal-assigurazzjoni soċjali u b'hekk f'kumplikazzjonijiet meta persuna tagħmel talba għall-benefiċċji.

FR u UK iżommu riżervi ta' skrutinju. FR żżomm ukoll riżerva ta' skrutinju dwar il-premessa Nru 18b.

FR ippreżentat proposta fir-rigward tat-tieni inċiż tal-Artikolu 14(5a) tar-Regolament 987/2009 fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti<sup>1</sup> BE, CY, DE, EL, IT, LU, LV, MT, NL, PT, SE, SK u UK setgħu jaqblu ma' dik il-proposta. AT, CZ u LT daħħlu riżervi ta' skrutinju.

13. **Dispożizzjonijiet transitorji (Artikolu 1(9a) tal-proposta, Artikolu 87a ġdid li għandu jiddaħħal fir-Regolament 883/2004.**

Fuq talba minn għadd ta' delegazzjonijiet, sabiex jiġu żgurati d-drittijiet miksuba taċ-ċittadini, inżiedu dispożizzjonijiet transitorji rigward bidliet fil-leġislazzjoni applikabbli taħt l-abbozz ta' Regolament. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, dawh li jkunu taħt leġislazzjoni differenti skont ir-regoli l-ġodda, għandhom jibqgħu taħt ir-regoli attwali jekk is-sitwazzjoni rilevanti tibqa' ma tinbidilx u fi kwalunkwe każ għal mhux aktar minn 10 snin kemm-il darba huma ma jitolbux mod ieħor.

Il-maġġoranza l-kbira tad-delegazzjonijiet jistgħu jaċċettaw l-emendi tad-delegazzjoni Awstrijaka għat-test tal-Artikolu 87a l-ġdid tar-Regolament 883/2004 kif ippreżentati fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fid-9 ta' Ġunju<sup>2</sup>.

<sup>1</sup> "Għall-finijiet tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, membru tal-ekwipaġġ tal-ajru impjegat li normalment iwettaq servizzi għall-passiġġieri jew għall-merkanzija tal-ajru f'żewġ Stati Membri jew aktar għandu jkun soġġett għal-leġislazzjoni tal-Istat Membru fejn tkun sitwata l-bażi ta' servizz."

<sup>2</sup> Artikolu 87a: "Jekk, minħabba r-Regolament (UE) xxx, persuna tkun soġġetta għal-leġislazzjoni ta' Stat Membru differenti minn dak determinat skont it-Titolu II ta' dan ir-Regolament, kif applikabbli qabel ... [daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) xxx], dik il-leġislazzjoni għandha tibqa' tapplika sakemm is-sitwazzjoni rilevanti ma tinbidilx u fi kwalunkwe każ għal mhux aktar minn 10 snin minn [daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) xxx], sakemm il-persuna kkonċernata ma titlobx li tkun soġġetta għal-leġislazzjoni applikabbli skont dan ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (UE) xxx. It-talba għandha tiġi ppreżentata fi żmien tliet xhur mill- [daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) xxx] lill-istituzzjoni magħżula tal-Istat Membru ta' residenza jekk il-persuna kkonċernata għandha tkun soġġetta għal-leġislazzjoni ddeterminata skont dan ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (UE) xxx mill- [daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) xxx]. Jekk it-talba ssir wara l-limitu taż-żmien indikat, il-bidla tal-leġislazzjoni applikabbli għandha ssir fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara."



14. **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika proposta hi l-Artikolu 48 tat-TFUE li jippermetti lill-Kunsill jieħu miżuri fil-qasam tas-sigurtà soċjali li huma meħtieġa sabiex jingħata l-moviment liberu lill-ħaddiema, kemm jekk impjegati kif ukoll jekk jaħdmu għal rashom.

B'segwitu għall-Opinjoni tas-Servizzi Legali tal-Kunsill (dok. 6143/11), il-maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet jistgħu jaċċettaw din il-bażi ġuridika proposta. Madankollu, NL għadha żżomm riżerva ta' sostanza minħabba li hi tikkunsidra li għad hemm kategorija ta' persuni li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni personali tar-Regolament 883/2004 li mhijiex koperta mill-Artikolu 48 tat-TFUE u li jista' jiġi argumentat li jkun meħtieġ rikors għall-Artikolu 21(3) tat-TFUE. IE, MT u UK iżommu riżervi ta' skrutinju.

15. **Proċedura ta' votazzjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni ta' Sistemi ta' Sigurtà Soċjali (emenda proposta għall-Artikolu 71(2) tar-Regolament 883/2004):**

Il-proposta timmira li temenda l-Artikolu 71(2) tar-Regolament 883/2004 biex tikkjarifika l-proċedura ta' votazzjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva fid-dawl tal-iżviluppi l-ġodda introdotti mit-Trattat ta' Lisbona, b'mod partikolari l-Artikolu 48 tat-TFUE.

B'segwitu għall-Opinjoni tas-Servizzi Legali tal-Kunsill (dok. 6143/11), il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet jistgħu jaċċettaw l-emenda proposta. Madankollu, BG u MT jżommu riżerva ta' sostanza. IE, NL u UK iżommu riżervi ta' skrutinju.

Il-maġġoranza l-kbira tad-delegazzjonijiet jistgħu jaqblu mal-abbozz ta' Dikjarazzjoni segwenti għall-Minuti tal-Kunsill, kif issuġġerit mid-delegazzjoni Taljana u emendat mid-delegazzjoni tar-Renju Unit matul il-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fid-9 ta' Ġunju:

*"Il-Kunsill iqis li wieħed għandu jipprova jasal għal kunsens fil-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni ta' Sistemi ta' Sigurtà Soċjali, speċjalment għall-miżuri mmirati biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni uniformi tal-liġi tal-Unjoni Ewropea."*

DK, IE u PT daħħlu riżervi ta' skrutinju dwar l-abbozz ta' dikjarazzjoni.

### **III. KONKLUŻJONI**

Filwaqt li sar progress sinifikattiv ħafna taħt il-Presidenza Ungeriża dwar it-test tal-abbozz ta' Regolament, u minkejja l-livell għoli ta' appoġġ għall-proposta ta' kompromess ġenerali ppreżentata mill-Presidenza, il-Presidenza madankollu tqis, fid-dawl tal-eżitu tad-diskussjonijiet fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, li huwa adatt li tkun tista' ssir aktar ħidma dwar il-kwistjonijiet pendenti fid-dawl tal-importanza tagħhom għal għadd ta' delegazzjonijiet li ma jistgħux jaqblu mal-proposta ta' kompromess ġenerali tal-Presidenza. Bil-preżentazzjoni tar-Rapport ta' Progress il-Presidenza tixtieq tenfasizza d-dedikazzjoni tagħha lejn il-kunsens li dejjem ikkaratterizza l-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż fl-Addendum għal dan ir-Rapport (dok. 11077/11 ADD 1) il-proposta ta' kompromess ġenerali tal-Presidenza Ungeriża, fejn għall-kwistjonijiet pendenti kollha hemm ippreżentata soluzzjoni ġustifikabbli skont ir-regoli u l-prinċipji tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali bħala bażi għall-ħidma futura tal-Presidenzi li ġejjin.